MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2010

Numru. 318/2010

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Anthony Cutajar, iben John, imwieled Valletta fil-5 ta' Ottubru, 1951, Karta ta' l-Identita numru 772051(M)
U
Anthony Zammit, iben Reno, imwieled l-Awstralja Fl-14 ta' Ġunju, 1956, Karta ta' l-Identita numru 519282(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli f'xi żmien bejn l-4 ta' Marzu, 2010 u it-23 ta' Marzu, 2010, f'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqgħu għandhom jew xtraw ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement b'kull mod li jkun indaħlu sabiex ibiegħuhom jew imexxuhom, u cioe' laqgħu għandhom telefon ċellulari ta'

l-għamla 'Blackberry', tal-valur ta' €400, liema telefon ċellulari ġie misruq minn ġewwa vettura ta' l-għamla Fiat 500, bin-numru tar-reġistrazzjoni GUF 112, li kienet ipparkjata ġewwa Triq it-Torri Wejter, Birkirkara fl-4 ta' Marzu, 2010 għad-dannu ta' Dr. John Zammit Montebello M.D. u/jew persuni oħra.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Mejju, 2010 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħħom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukata ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom. Rat l-artikolu 334(a) tal-Kodiċi Kriminali. Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------